ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 20 IT-TNEJN 3 TA' OTTUBRU 2016**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (ĦDAX Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina (attenda fis-7.00pm), Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Jerome Caruana Cilia (attenda fis-7.45pm), Renald Falzon, Robert Reno Cremona, Josef Aquilina, Martina Brancaleone, Marvin Zammit u Antoine Saliba Haig. L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ infurmana li ma setax jattendi minħabba li kellu impenji ta' eżamijiet.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**20/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 19**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 19 li nżammet nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 19 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**20/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**20/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ ippreżentaw l-ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet dwar rinunzja tat-titlu legali tal-Mitħna tar-Riħ. Għaldaqstant is-Sindku ressqet mozzjoni :

*Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi għandu jitlob id-devoluzzjoni tal-Mitħna tar-Riħ li tinsab fi Triq il-Mitħna sabiex dan il-bini storiku jkun jista' jiġi kkonservat u amministrat mill-Kunsill Lokali qabel ma jkun tard wisq u dan il-bini jkollu ħsarat irreparabbli.*

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Mozzjoni ġiet approvata** u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv għandu jressaq it-talba ta' devoluzzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali skont il-proċeduri stabbiliti.

**20/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-kunsillier Josef Aquilina jagħti informazzjoni dwar l-organizazzjoni tal-Coffee Morning. Il-Kunsillier Josef Aquilina spjega li dan se jiġi organizzat fil-11 ta' Novembru 2016, u inħarġu l-kwotazzjonijiet dwar l-għażla tal-post.

**20/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-monument li jfakker lill-Prim Kitarrist Indri Brincat magħruf bħala 'il-Pupa', se jiġi inawgurat fis-16 ta' Ottubru 2016 fid-9.30am fil-Ġnien Federico Maempel. Hija ħeġġet lill-kunsilliera biex jattendu għal din iċ-ċerimonja tal-kxif tal-monument.

**20/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-bankini fi Triq il-Wied qed jiġi mibdula mill-Ministeru tal-Infrastruttura u Trasport bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Hija semmiet li hemm problema dwar il-bankina li hemm faċċata tal-klabb tal-Boċċi fejn hemm numru ta' siġar protetti li qed jagħmlu ħsara fil-bankina u l-unika soluzzjoni biex tkun tista' titranġa l-bankina u jitneħħa l-periklu huwa li jitneħħew dawn is-siġar. Wara diskussjoni twila, il-Kunsill qabel li jressaq talba lill-awtoritajiet biex dawn is-siġar jitneħħew u minflokhom jiġu miżrugħa siġar aktar idonji għall-post mingħajr ma joħolqu periklu għall-pubbliku.

**20/02/05** **F'dan l-istadju tal-laqgħa (fis-7.00pm) attenda l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina.**

**20/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li fir-rigward tal-mobile CCTV li għandu l-Kunsill jeħtieġ li titwaħħal oħra mal-istess vettura biex ikun hemm fakulta' li l-camera tiġbed minn angoli differenti. Il-Kunsill qabel li jinstalla din it-tieni camera mal-istess sistema.

**20/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li kien hemm interess minn persuna biex tieħu ħsieb tamministra l-inizjattiva ta' Daqq ta' Mużika fit-toroq prinċipali fil-perjodu tal-Milied. Il-Kunsill qabel unanimament li jkun hemm sejħa għall-espressjoni ta' interess fuq *noticeboard* tal-Kunsill.

**20/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ikkomunikat lill-Kunsill li fix-xahar ta' Ottubru il-Kunsill se jkun qed juri solidarjeta' man-nisa li jbatu jew batew mill-marda tal-kanċer fis-sider billi jieħu sehem fil-kampanja tal-Pink October billi jixgħel il-faċċata tal-binja tal-Kunsill bil-kulur roża matul ix-xahar ta' Ottubru.

**20/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-Kunsillier Bjorn Azzopardi jaġġorna lill-Kunsill dwar l-attivita' li se tiġi organizzata fl-okkażżjoni ta' Jum Dinji tat-tfal. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi informa lill-Kunsill li l-Uffiċċju tal-President aċċetta li din l-attivita' tiġi organizzata fil-ġonna tal-Palazz tal-Presidenti f'San Anton u li kif tiġi ffisata d-data tiġi kkomunikata lill-kulħadd. Huwa kompla li l-programm għadu qed jiġi fformulat li iżda se jkun jinkludi storytelling u sessjonijiet ta' informazzjoni dwar s-sigurta' tat-tfal u temi relatati mal-ambjent.

**20/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' SETTEMBRU 2016**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2016, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Settembru 2016
**b)** *Bank Payments* Settembru 2016
**c)** *Petty Cash* Settembru 2016

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropon iet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

## 20/04 MOZZJONIJIET

### 20/04/01 MOZZJONI 41/2016 (VII)

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Qed nipproponi biex il-Kunsill Lokali ikun qed jipparteċipa b'mod attiv fil-festi tal-Milied;*

*Biex ikompli jaħdem id f'id mal-għaqdiet lokali; Nipproponi biex bħalma għamel fis-snin preċedenti l-Kunsill Lokali jidħol fi ftehim :-*
*mal-Għaqda Armar San Bastjan sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq San Sebastjan;*
*mal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triqil-Kbira/ Pjazza San Franġisk;*
*mal-Għaqda Soċjo-Muzikali Anici sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq San Ġwakkin Schembri u l-madwar*
*ma' Kumitat Festi Esterni sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq il-Kbira*

*Fejn il-Kunsill ihallas tal-ispejjeż involuti bl-istess arranġamenti tas-sena l-oħra.*

**DOK 'B'**

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** il-mozzjoni nru 41/2016.

## 20/05 RAPPORTI

**20/05/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li ma kienx hemm rapporti x'jitressqu għad-diskussjoni/approvazzjoni.

**20/06** **KORRISPONDENZA**

**20/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar:

**DOK 'C 1-8'**

1. Dwar Ittra mis-Segretarju Eżekuttiv biex minħabba esiġenzi ta' xogħol se jkun qed jakkumula 92 siegħa mill-Vacation Leave ta' din is-sena għas-sena d-dieħla.

   **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi japprova t-talba tas-Segretarju Eżekuttiv.

   **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda.

   **Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

2. Dwar talba biex issir pedestrian crossing fi Triq San Bartolomew ħdejn il-BOV plc, il-Kunsill ma qabilx peress li hemm diġa waħda fl-istess triq aktar 'l isfel kif ukoll oħra fi Triq San Edwardu kif iddur il-kantuniera u anke peress li pedestrian crossing tnaqqas in-numru ta' parkeġġi.

3. Dwar talba minn resident biex jitneħħew parking bays u jsiru oħrajn man-naħa l-oħra ta' Triq Belt Valletta, il-Kunsill għandu jipprepara pjanta dwar kif l-aħjar li jsiru u jibgħatha lir-residenti għall-konsultazzjoni magħhom.

**F'dan l-istadju (fis-7.45pm)l-Kunsillier Jerome Caruana Cilia attenda għal-laqgħa.**

4. Dwar PC 051/2016 u PA 5491/16 il-Kunsillier Robert Cremona sostna li hemm cart ruts li huma ta' valur storiku. Is-Sindku Rosianne Cutajar qalet li hija infurmata li l-Sovratindenza tal-Patrimonju Nazzjonali ta il-go ahead b'numru ta' kundizzjonijiet li qed jiġu mħarsa fl-applikazzjoni għall-iżvilupp. Is-Sindku

Rosianne Cutajar issuġġeriet li titlob li ssir laqgħa mal-applikant ħalli jagħti aktar informazzjoni dwar dan l-iżvilupp fejn il-kunsilliera se jkollhom l-okkażjoni li jsaqsu kull mistoqsija li jridu lill-applikant. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment u għaldaqstant għandha tintalab laqgħa lill-applikant.

5. Dwar Ċirkolari 27/2016, is-Sindku Rosianne Cutajar infurmat lill-Kunsill li ż-żewġ proġetti li kienu ġew approvati taħt l-iSkema ta' Proġetti Kapitali jistgħu jinbdew peress li ġie ffirmat l-kuntratt.

6. Dwar l-European Mobility Action Award, is-Sindku Rosianne Cutajar infurmat lill-Kunsill li Transport Malta informana li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi ħa l-ewwel premju u se jkun qed jieħu s-somma ta' Eur50,000 biex jagħmel l-proġett ppropost.

**20/07 INFORMAZZJONI**

**20/07/01** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ippreżenta ritratti dwar siringi li instabu fi Ġnien De La Cruz biex il-Kunsill jitlob lill-Pulizija aktar sorveljanza.

**20/07/02** Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi ippreżenta ritratti ta' debris li hemm fi Triq il-Helsien li qed joħloq inaċċessibilita' fuq il-bankina. Il-Kunsill għandu jitlob lill-iżviluppatur ineħħi dan it-terrapien.

**20/07/03** **Il-Kunsillier Renald Falzon** talab biex il-Kunsill iressaq talba formali lill-Malta Public Transport biex iżied il-frekwenza tar-rotta 63 li tibda minn Ħaż-Żebbuġ peress li meta tasal Ħal Qormi qed tkun dejjem mimlija u r-residenti Qriema mhux qed jinqdew. Il-Kunsill qabel unanimament li jressaq din it-talba iżda għandu jitlob lill-pubbliku jilmentaw direttament mal-istess entita' biex tassew jiġi rrekordjat kemm hemm nies li mhux qed ikunu moqdijin bit-trasport pubbliku.

**20/08 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar il-Ħamis 3 ta'

Novembru 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:05 ta' filgħaxija.

**Iffirmati** **iffirmati**

Rosianne Cutajar Kenneth Brincat
Sindku Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum **il-Ħamis, 3 ta' Novembru** 2016.